Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – Il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġie diskuss il-pjan sabiex jinżebgħu l-*fishbone parking bays* quddiem il-forn fil-Pjazza. Sar qbil li l-Loading u l-Unloading bay tiġi nkorporuta ġo fihom. Sar qbil ukoll li għandna niżbghu l-Motor Cycle bay ta' quddiem il-każini.

3.2 Is-Sindku rrefera għal-ħtieġa ta'rilokazzjoni ta' Bus Stop fi Triq Borg Għarib li l-lok tagħha kien perikoluż ħafna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.3 Saret referenza għall-applikazzjoni ta' *double yellow lines* fi Triq Firilla fil-kantuniera. Dawn ġew approvati.

3.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamillu sid ta' parti mill-għelieqi Ta' Passi li jixtieq jibqa jaħdimha hu. Hu jixtieq li nibgħatu lil Lands Department biex nindikaw l-għalqa li ser jibqa jħallasha hu. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dan minkejja li l-pjan li għandu quddiem il-MEPA ma jinkludix din il-biċċa art.

3.5 Il-Viċi Sindku rrimarka li d-dawl tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra mhux jixgħel. Sar qbil li għandu jiġi rrapurtat u rranġat minnufih.

**4.0 Proġett Interreg Italia-Malta**

4.1 Għal-laqgħa kien preżenti l-Perit Antoine Gatt li qed jirrappreżenta lill-Universita' ta Malta sabiex il-Kunsill Lokali Għajnsielem jissieħeb magħhom fi proġett ambjentali Italia Malta. Il-Perit Gatt ta deskrizzjoni tal-proġett kif ser ikun jinkludi l-ekosistema u żieda fis-sigar u l-benefiċċju li l-bniedem jieħu minnhom. Il-proġett ser ikun jinkludi żieda sostanzjali ta' siġar, użu ta' pjanti indiġeni, implimentazzjoni ta' *green roof*, u restawr tal-Wied. It-tul tal-proġett huwa ta' tlett snin u huwa bi sħab mal-Universita' ta' Malta u żewġ Kunsilli oħra Sqallin.

**5.0 Ħatra ta' Bord għall-interviews ta' Uffiċjal Eżekuttiv**

5.1 Saret referenza għall-applikazzjoni li ħarġet internament mal-Kunsilli Lokali għal-ħatra ta' Uffiċjal Ezekuttiv li għalqet proprju llum. Għal dan il-post il-Kunsill irċieva tlett applikazzjonijiet.

5.2 Bħala membri tal-Bord, il-Kunsill qabel li għandu jaħtar lill-eks Segretarji Eżekuttivi Dolindo Cassar u Joe Camilleri kif ukoll lis-Sindku Franco Ciangura, s-Segretarja Lucienne Haber u l-kunsillier Peter Caruana.

5.3 Il-Kunsill qabel li għandu jżomm l-*interviews* nhar l-Erbgħa 26 t'Ottubru 2016 fis-6:00pm.

**6.0 Bethlehem f'Għajnsielem**

6.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-Budget għall-infieq ta' Bethlehem f'Ghajnsielem din is-sena ser ikun ħafna anqas peress li d-dħul naqas. Bħala budget ser ikollna €6000 minghand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, u €10,000 mil-Budget allokat mill-Kunsill għal din l-attivita' u fadal xi €4000 mid-donazzjonijiet, b'hekk il-Kunsill għandu €20,000 għad-dispożizzjoni tiegħu.

6.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa kemm kien id-dħul u l-infieq ta' Bethlehem f'Għajnsielem u jekk jistgħax jingħata rendikont fuq x'intefaq bħala kunsill u anke bħala kumitat ta' Bethlehemf'Għajnsielem. Huwa qal li dan r rendikont huwa importanti biex naraw fejn aħna u anke biex naraw kemm hu l-budget għar-reklamar. Is-Sindku ssuġġerielu li jiċċekja mal-Ministeru għal Għawdex għax huma ser jieħdu ħsieb bosta reklamar. Minn naħa tal-Kunsill importanti li ta' lanqas isir reklam fuq il-Guide Me u fuq id-Day to Day peress li huma l-aktar revisti mfittxija mit-turisti.

6.3 Sar qbil li għandna nieħdu ħsieb napplikaw għad-DNO tal-MEPA kif ukoll għall-permess tar-Direttorat tal-Veterenarju biex ikun jista jsir ċaqliq tal-annimali.

6.4 Is-Sindku rrefera għall-email mibgħuda lit-tlett Sindki Għawdxin li flimkien magħna u ma' lokalitajiet Taljani ffirmajna patt ta' ħbiberija, sabiex flimkien nikkollaboraw fil-Miġja tal-Maġi minn dawn il-lokalitajiet Taljani u tkompli f'dawn l-irħula Għawdxin. Ikunu xieraq ukoll li nistiednu lil-lokalitajiet Għawdxin sabiex jipparteċipaw magħna f'Bethlehem f'Għajnsielem f'dawn li huma personaġġi. Huwa semma' li l-Ministeru għal Għawdex minbarra li ser jgħinna b'kontribuzzjoni finanzjarja, offra wkoll li jgħinna permezz ta' akkomodazzjoni fl-ITS għad-delegazzjonijiet barranin.

6.5 Sar qbil ukoll li sal-Milied inlestu l-proġett tal-frame. Sar qbil li għandna nagħmlu 40 metru kwadru pavimentar għall-prezz ta' €26.80 il-metru kwadru nkluż il-VAT. Sar qbil ukoll li nordnaw żewġ bankijiet għal dan is-sit.

## 7.0 Quotation għat-tiżjin tal-Milied

7.1 Sar qbil li għandna nerġgħu noħorġu l-istima biex għaż-żmien tal-Milied jiddawwlu t-toroq tas-soltu. Sar qbil li l-quotation għandha tiġi *published* fuq is-sistema *online* tal-*etendering*.

7.2 Ġiet diskussa jekk għandniex nixgħelu wkoll il-pjazza tad-Dehra. Il-Viċi Sindku ssuggerixxa li jsiru xi tizjin bit-tema ta' *Christmas Fathers*. Is-Sindku semma' li tkun ħaġa sabiħa li din il-pjazza tiżżejjen b'tali mod li tkun attrazzjoni oħra prinċipali tal-Milied. Sar qbil li għandna naħsbu ftit x'nistgħu ninkludu bħala tiżjin u mmexxu fuqhom.

## 8.0 Attivita' Jum it-Tifkira

8.1 Il-Kunsill qabel li l-attivita' ta' Jum it-Tifkira ssir nhar il-Hadd 13 ta' Novembru. Sar qbil li ssir quddiesa fl-10:00am u ċ-ċelebrazzjoni ħdejn il-monument tal-gwerra ssir wara. Is-Sindku semma' li ser issir wirja tal-karozzi antiki u huwa propona li tkun ħaġa sabiħa li kieku nġibu grupp ta' re-enactment ta' suldati tal-gwerra. Sar qbil li għandna nġibu stima u naraw jekk jaqbilx.

## 9.0 Keep Għajnsielem Clean Campaign

9.1 Is-Sindku propona li bħala parti mill-kampanja ta' ndafa f'Għajnsielem, għandhom isiru *stands* informattivi f'xi kantunieri fil-lokalita' fejn iħobb jinġabar l-iskart bil-messaġġ dwar il-ħinjijiet tal-ġbir u li kulħadd għandu jħalli l-iskart tiegħu wara

biebu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Huwa propona wkoll li jsir leaflet informattiv u jitqassam f'kull dar.

9.2Il-Viċi Sindku propona wkoll li nżidu aktar tabelli 'Do no Litter'.

## 10.0 Kunsill tat-Tfal

10.1 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Kap tal-iskola Primarja t'Għajnsielem biex nagħtu spinta lill-ħatra ta' dan il-Kunsill.

## 11.0 Jum Għajnsielem – attivitajiet

11.1 Sar qbil li dan l-item tal-agenda għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 12.0 Ħtiega ta' Parkeġġ għad-disabled quddiem iċ-Ċentru Ċiviku

12.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna nibgħatuha lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Sar qbil ukoll li quddiem il-passaġġ tal-Kunsill għandhom jinżebgħu marki forma ta' gridilja biex ma ħadd ma jagħlaq l-aċċess.

## 13.0 Proġett ta' Belvedere fi Triq iż-Żewwieqa

13.1 Saret referenza għad-disinn tal-Belvedere fi Triq iż-Żewwieqa. Il-Kunsill ra li r-rampa mhix qegħda sewwa u trid tiġi rranġata minħabba l-entratura. Is-Sindku semma' li important li naghtu facelift lil din l-area. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab li jkun xieraq li l-bolavostri jinżammu fuq l-istil oriġinali. Sar qbil li dan il-proġett għandha ssir applikazzjoni għalih mill-fondi tal-UIF u tkun tinkludi wkoll irrangar tal-bankini fit-triq ta' fuqu. Sar qbil ukoll li t-tarmak ta' Triq iż-Żewwieqa jwassal sa dan il-proġett.

## 14.0 Ċaqliq ta' Bus Stop fi Triq il-Ġnien

14.1 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Transport Malta sabiex jtiġi rilokata Bus Stop fi Triq Ħamri. Il-Kunsill qabel li l-Bus Stop in kwistjoni hija ftit ta' periklu peress li tinsab f'kantuniera, iżda minn naħa l-oħra din il-Bus Stop taqdi lil massa kbira ta' nies. Il-Kunsill qabel li l-każt fejn ser titpoġġa huwa wieħed delikat.

## 15.0 Ċaqliq ta' Reserved Disabled Parking fi Triq Hamri

15.1 Il-Kunsill iddiskuta t-talba mingħand Transport Malta fuq talba li daħlitilhom sabiex tiġi rilokata parkeġġ tal-persuni b'diżabilita'. Il-Kunsilll ma sabx oġġezzjoni peress li fejn qed jiġi ssuġġerit li jsir bħalissa ma hemmx residenti. Il-Kunsill ser jirriserva d-dritt li jekk ikollu xi lmenti fejn ser titpoġġa, Transport Malta għandha tikkonsidra li tħalliha fejn kienet primarjament.

## 16.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Ġiet prezentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 17.0 Materji oħra

Sar qbil li għandna niġbdu l-attenzjoni lill-kennies li Triq il-Qigħan u Triq il-Merkanti jinħtieġu li jinkinsu aktar ta' spiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**